# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Mejju, 2001**

**Numru 14**

**Cit. Nru. 236/89 JF**

**Avukat Dottor Henry sive Eric Mamo in rappresentanza tal-Mid-Med Bank Limited; u b'nota tas-7 ta' Dicembru, 1999, l-isem ta' Mid-Med Bank Limited gie mibdul ghal HSBC Bank Malta p.l.c. u dana b'effett mill-1 ta' Dicembru, 1999.**

**vs**

**Joseph Muscat u b'digriet tal-25 ta' Gunju, 1991, giet kjamata in kawza s-Socjeta' Eurowear Clothing Industry Limited kif rapprezentata minn Bernard Ellul Sullivan u Walter Zammit**

Il-Bank attur ipproceda kontra l-konvenut b'dan l-att tac-citazzjoni li bih ippropona azzjoni kambjarja kontra tieghu:-

"Premess illi l-attur nomine huwa d-detentur ta' dsatax-il kambjala hawn esebiti in fotokopja bhala dokumenti 1 sa 11, liema kambjali jikkonsistu f'wahda bl-import ta' hames mitt lira (Lm500) li skadiet fit-22 ta' April, 1985, u tmintax-il wahda bl-import ta' tliet mija u tmienja u tmenin lira (Lm388)-il wahda li skadew kollha fil-hmistax-il jum ta' kull xahar minn Marzu, 1985 sa Awissu, 1986;

Premess illi l-kovnenut huwa l-accettant ta' dawn il-kambjali msemmija, u ghalhekk huwa tenut ghall-hlas ta' l-istess li jammontaw ghas-somma totali ta' sebat elef, erba' mija erbgha u tmenin lira (Lm7,484) bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala;

U premess illi l-kovnenut, intimat ghall-hlas permezz ta' ittra interpellatorja tal-11 ta' Jannar, 1989, baqa' inadempjenti;

U premess ghalhekk illi d-debitu tal-konvenut huw wiehed cert, likwidu u li ghalaq, u l-attur halef (dokument A) kemm fuq dan kif ukoll li fil-fehma tieghu l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba infraskritta;

TALAB li din il-Qorti tiddeciedi fuq it-talba infraskritta bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza; u

1. tikkundannah sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' sebat elef, erba' mija, erbgha u tmenin lira (LM7,484) bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala; u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja msemmija kontra l-konvenut".

**<u>Eccezzjonijiet</u>**

Il-konvenut Joseph Muscat eccepixxa fl-ewwel lok il-"lis alibi pendens" peress li quddiem il-Qorti diversament preseduta, kienet tinsab pendenti kawza ohra fuq l-istess oggett meritu tal-kawza odjerna;

Inoltre eccepixxa li f'din il-vertenza tinsab implikata s-Socjeta' Eurowear Clothing Industries Limited, kif rappresentata minn Bernard Sullivan u

Alex Zammit, peress li l-kambjalijiet in kwistjoni hargu “as security” a favur ta’ l-istess socjeta’, u ghalhekk din l-istess socjeta’ ghandha tigi kjamata fil-kawza;

Finalment hu eccepixxa li t-talbiet attici, inkwantu diretti kontra tieghu kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-ammont pretiz fic-citazzjoni gie mhallas mill-eccipjent ghas-sodisfazzjoni u konjizzjoni tal-Bank attur.

**Il-kjamata fil-kawza**

B’digriet tal-25 ta’ Gunju, 1991, l-allura Qorti tal-Kummerc kkjamat fil-kawza lis-socjeta’ Eurowear Clothing Industries Limited kif rapprezentata minn Bernard Ellul Sullivan u Walter Zammit, liema socjeta’, ghalkemm debitament notifikata bl-atti, baqghet ma wegbitx ghat-talbiet attrici u kienet ghalhekk kontumaci.

**Decide**

B’sentenza tal-25 ta’ Settembru, 1995, l-allura Qorti tal-Kummerc iddecidiet il-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta’ Eurowear Clothing Industry Limited u wara li saret mill-gdid riferenza ghal decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell in parte kif moghtija fis-27 ta’ Lulju, 1993, li kkonfermat il-

kjamata fil-kawza ta' dik is-socjeta', u wara li rrispengiet l-eccezzjoni preliminari tal-"lis alibi pendens" u dawk l-eccezzjonjiet l-ohra fil-mertu, laqghet it-talba attrici kif dedotta dwar l-ammont mitlub kontra l-konvenut bl-interessi legali kif mitlub sal-pagament effettiv. Il-kap ta' l-ispejjez kellu jithallas interament mill-konvenut, li favur tieghu baqghet rizervata kull azzjoni lilu spettanti bil-ligi si et quatenus kontra s-socjeta' kjamata in kawza ghad-debitu in kwistjoni.

**<u>Motivazzjoni tas-sentenza appellata</u>**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> "Ikkunsidrat fl-ewwel lok li b'decizjoni ta' din il-Qorti – konfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza moghtija fis-27 ta' Lulju, 1993, giet milqugha talba tal-konvenut Joseph Muscat biex tissejjah fil-kawza s-socjeta' EUROWEAR Clothing Industry Limited li baqghet kontumaci. Jinghad pero', li d-diretturi taghha, jigifieri Bernard Ellul Sullivan u Alexander sive Alex Zammit xehdu t-tnejn fil-kors tal-kawza wara li gew prodotti mill-konvenut biex jixhdu.
>
> L-azzjoni in ezami hija maghrufa bhala l-"<u>actio cambiaria</u>". L-attur nomine uwa d-detentur ta' 19-il kambjala ghall-valur komplessiv ta' Lm7,484. Fil-kors tal-kawza, l-attur nomine – esebixxa l-kambjali kollha fl-original taghhom – ara Dok XX – a fol 47 tal-process. Il-validita' legali u formali ta' dawn il-kambjali – skaduti u dovuti kwantu ghall-pagament li jidher fuqhom mhix tigi kontestata – hlief li l-konvenut hassu incert dwar il-firma fuq l-ewwel kambjala ta' hames mitt lira (Lm500).
>
> Fl-ewwel lok, il-konvenut Muscat eccepixxa il-<u>lis alibi pendens</u>. Il-Qorti ma tarax kif qatt tista' tali eccezzjoni tigi akkolta meta l-istess konvenut isostni li l-partijiet kienu <u>differenti</u> – igifieri l-legittimu kontradittur fl-allegata kawza (fin-nuqqas ta' provi u

taghrif iehor li jorbot) hija persuna ghal kollox differenti minn Joseph Muscat. Il-meritu jista' jkun konness u seta', kif semmiet il-Qorti ta' l-Appell fil-precitata decizjoni, gie mitlub li l-kawzi jigu trattati f'daqqa pero' talba simili ma saritx lil din il-Qorti.

Fil-meritu l-konvenut Muscat isostni li l-kambjali de quo hargu "as security" a favur tas-socjeta' kjamata in kawza. Minbarra dan, jghid li l-ammont pretiz fic-citazzjoni thallas minnu ghas-sodisfazzjon ta' l-attur nomine u li l-banka attrici kienet taf b'dan.

Jibda biex jigi osservat li bl-istat ta' kontumacja tagha, is-socjeta' msejjha fil-kawza tigi li qeghda tikkontesta u mhux tammetti t-talba ta' l-attur nomine fil-meritu. L-attur nomine ressaq provi – komprizi l-kambjali infushom – biex jipprova li dawn ma gewx onorati u ghadhom tutt'ora dovuti.

Il-konvenut accetta li l-kambjali gew iffirmati minnu ghalkemm esprima certu dubju dwar l-ewwel kambjala pero' f'kull kaz kien biss incert minnu nnifsu. Lanqas fl-eccezzjonijiet ma jittrapela tali dubju b'mod specifiku dwar din il-kambjala.

Bernard Ellul Sullivan, direttur tas-socjeta' kjamata in kawza xehed li l-kambjali hargithom is-socjeta' fl-ammont li jkopri kreditu li kellu jithallas mill-konvenut.

Jghid li minkejja li l-konvenut hallas l-ammont dovut minnu, l-kambjali ma gewx moghtijin lilu. Jghid – bla ma giet prodotta l-persuna li ssemmiet – li l-kambjali tqeghdu bhala "security" mal-banka attrici wara li sar diskors f'dan is-sens ma "s-sur Gauci tal-Mid Med Bank, Lascaris Wharf, Valletta".

Alexander sive Alex Zammit ukoll ikkofnerma, bhala ex-Direttur ta' Eurowear Clothing Industry Limited li l-konvenut hallashom in kontanti. Dan ix-xhud isemmi li ghall-banka attrici deher is-sur John Gauci li, skond dan ix-xhud, accetta li l-flus jigu depozitati temporanjament fl-"overdraft" tas-socjeta' taghhom.

Ma hemmx dubju li s-socjeta' attrici baqghet pussessur tal-kambjali. Hija tikontendi li ghadha ma thallsitx minkejja li dawn il-kambjali gew iggirati a favur taghha. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, ir-ragunijiet solelvati "in proprio difesa" mill-konvenut Muscat bhala l-giranti huma kollha personali ghalih u per konsegwenza ma jistghux jinghataw kontra l-pussessur tal-kambjala – ara wkoll l-art. 197 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap 13). Il-ligi nostrali trid li f'materji ta' kambjali, kollox ghandu jitmexa bl-inqas intoppi possibbli u mhux il-kontra. Huwa minnu li l-ligi

tammetti certi eccezzjonijiet ta' fatt f'kaz li dawn ma jdewwmux il-hlas taghha jew ma jwaqqfux l-andament spedit tal-kawza, izda f'kaz li tali eccezzjonijiet jirrigwardaw ammont mhux gja' likwidu jew jinhtiegu ezami fit-tul. Allura mhux aktar kaz li l-Qorti taccetta eccezzjonijiet simili. Issa d-diretturi tas-socjeta' kjamat in kawza jghidu li l-kambjali de quo tqeghdu fil-banka attrici flimkien ma' "bills" ohrajn. La giet prodotta l-persuna li suppost tkellmet ghas-socjeta' attrici u lanqas ebda ricevuti, kemm il-posizzjoni ghadha fluwida u incerta tohrog anke mix-xhieda ta' Bernard Ellul Sullivan. Dan xehed (ara fol. 77 l-ahhar paragrafu):

> "Trattativi da parti taghna mal-Bank attur ghadhom ghaddejjin. L-idea hi li jintlahaq ftehim u f'dak il-kaz ma jkunx hemm aktar kwistjoni bejn l-attur u l-konvenut ghar-rigward tal-kambjali".

Jirrizulta inoltre li l-istess socjeta' imsejha fil-kawza sabet ruhha f'diffikultajiet finanzjarji derivanti mill-fatt illi allegatament insterqitilha merkanzija waqt li din kienet qeghda tingarr lejn Malta u meta kienet ghadha Reggio Calabria. Dwar din il-kwistjoni hemm pendenza mal-kumpanija assikuratrici li ghadha mhix rizolta. Il-konvenut stess jallega li bejn il-banka attrici u s-socjeta' kjamata fil-kawza hemm vertenza fil-Qorti. Il-kovnenut Muscat ma messu qatt hallas bla ma qabel assigura ruhu li jinghata l-kambjali li taghhom suppost hallas. Minn imkien ma jidher li kien hemm xi ftehim espress li gie accettat mit-tlett kontendenti in kawza. Il-Qorti ovvjament ma teskludix li l-konvenut seta' ghadda flus lis-socjeta' imsejha fil-kawza pero' ma giex ippruvat ukoll sodisfacentement li b'daqshekk il-banka attrici kienet qeghda tircievi hi hlas lilha dovut a tenur tal-kambjali girati favuriha mill-Eurowear Clothing Industry Limited. Ghall-kuntrarju, jidher li hemm kwistjonijiet u proceduri anki gudizzjarji, li ghadhom ma gewx konkjuzi u rizolti, bejn is-socjeta' attrici u dik ikkjamata in kawza. Ghalhekk, isegwi li l-eccezzjonjiet tal-konvenut Muscat fil-konfront tas-socjeta' attrici ma jistghux jigu akkolti kif gie eccepit minnu".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Minn din is-sentenza appella l-konvenut Joseph Muscat. L-ewwel aggravju tieghu hu wiehed procedurali. Hu jissottometti li l-ewwel Qorti

ma kienetx tatu l-opportunita' li jtemm il-provi tieghu. Meta fis-seduta tal-25 ta' Mejju, 1995, il-kawza kienet differita ghall-provi tieghu, kemm hu kif ukoll ix-xhud li kellu jiddeponi kienu prezenti, izda x'hin dahlu fl-awla, sabu li l-kawza kienet giet differita. Dan l-aggravju mhux gustifikat mill-atti u gie respint b'sentenza in parte ta' din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1998, li cahdet it-talba ta' l-appellant biex jipproduci provi f'dan l-istadju u ordnat li l-kawza tigi trattata fil-mertu.

**L-Aggravju fil-mertu**

L-appellant qed isostni in effetti, illi l-kambjali li taghhom hu qed jintalab ihallas l-import mill-Bank attur, kienu gew effettivament minnu mhallsin, u konsegwentement, il-pussessur taghhom, jigifieri l-istess Bank, ma setghax jerga' jirreklama l-pagament taghhom nonostante li l-kambjali kienu ghadhom f'idejh. L-appellant qed jippretendi li filwaqt li jaqbel illi kien accetta kambjali de quo mahruga fuqu mis-socjeta' kjamata fil-kawza, li dwar il-forma taghhom ma hemmx kontestazzjoni, kien gara li l-istess socjeta' kienet iggirat il-kambjali a favur tal-Bank appellat li kellha bzonn tissellef il-flus minn ghandu, minhabba problemi ta' likwidita', u jsostni li l-Eurowear Clothing Industry Limited kienet iggirat il-kambjalijiet biex tipprovdi garanzija ghas-self li ghamlet mill-istess Bank attur – l-appellant isejjhilhom Bills against Security.

L-appellant jikkontendi li kienu ngiebu provi fis-sens li l-Bank kien jaf li l-ammont ta' l-imsemmija kambjali kien gie saldat minnu u li l-ammont import taghhom kien gie versat u depositat f'Overdraft Account ta' l-istess socjeta' kjamata ma' l-istess Bank attur. Jallega li l-Manager tal-fergha koncernata tal-Bank kien jaf b'dan il-hlas u kien accetta li dan id-depozitu ghall-kreditu tal-kont tal-Eurowear kien jikkostitwixxi hlas tal-kambjali li taghhom il-Bank appellat kien id-detentur.

Din l-ahhar prova importanti, anke jekk mhux necessarjament determinanti ghall-mertu, baqghet ma ngibietx b'mod konklusiv u din kienet il-prova li l-appellant kien talab bla success li jaghmel f'dan l-istadju ta' revizjoni. It-tezi ta' l-appellant hi allura illi l-Bank attur bhala kreditur kambjarju tieghu kien accetta li l-kreditu li kellu kontra tieghu naxxenti mill-girata tal-kambjalijiet kien, bi ftehim ma' l-istess Bank mibdul fi kreditu iehor kontra s-socjeta' l-ohra kjamata fil-kawza. In effetti allura, l-appellant kellu l-prova difficli li jistabilixxi l-ezistenza ta' negozju kontra dak li kien jirrizulta minn dokument miktub – il-kambjali – u di piu' dokument li l-ligi ttih is-sahha tremenda ta' titolu ghall-portatur li f'kull hin appena jimmatura seta' jigi msarraf mid-detentur tieghu. Is-sottomissjoni ta' l-appellant hi allura li hu ssodisfa l-pagament ta' l-import tal-kambjali qabel ma dawn immaturaw ghall-hlas. B'din l-eccezzjoni ta' pagament il-konvenut qed jikkontendi li l-obbligazzjoni kambjarja kienet giet estinta. Eccezzjoni din certament ta' natura

personali. "L-eccezzjonijiet personali huma opponibbli ghall-possessur ta' kambjali illi jitlob il-hlas taghha u jistghu jirrigwardaw tant l-origini ta' l-obbligazzjoni kemm l-ezercizzju taghha. Il-kompensazzjoni, bhall-pagament, jew il-mahfra totali jew parzjali ta' l-ammont kambjarju, hija wahda minn dawn l-eccezzjonijiet personali kapaci li jimmodifikaw jew jeskludu skond il-kaz, l-ezerckizzju ta' l-istess kambjali". (Vol. XXX, P. III, p.499). "Huwa veru li kontra t-talba ghal-hlas ta' kambjali ma humiex ammessi eccezzjonijiet li jittardjaw il-pagament u li ma jistghux jigu definiti malajr. Pero' hemm eccezzjonijiet assoluti u eccezzjonijiet relattivi li jistghu jigu moghtija u ghandhom jigu ammessi, kif ukoll hemm eccezzjonjiet ohra li gejjin mill-fatti posterjuri ghall-emissjoni ta' kambjali. Id-disposizzjoni tal-ligi li tenuncja il-principju fuq imsemmi ma hijiex applikabbli meta l-kambjala tkun baqghet f'idejn it-traent innifsu u ma tkunx giet girata. Ghalhekk, jekk wara l-emissjoni ta' kambjala t-traent jaghti dilazzjoni tal-hlas lill-accentant, l-eccezzjoni relativa tista' tigi opposta lit-traent". (Vol. XXX, P.III, p.429).

Hu car li filwaqt li indubbjament il-konvenut appellant kien l-accettant tal-kambjali, u mhux il-giranti, l-eccezzjoni tal-pagament kienet qed tigi minnu moghtija u opposta mhux lit-traent imma lill-persuna li lilha giet girata f'dan il-kaz il-Bank attur. Fil-fatt jidher li l-appellant qieghed jinjora l-veru import tal-konsegwenzu guridici tal-girata tal-kambjali li hi l-karatteristika partikoli li taghti moblita' lil dan it-titolu ghall-portatur.

“Bhala firmatarju ta’ kambjala l-konvenut dahal f’obbligazzjoni ta’ natura partikolari, ghaliex hija wahda indipendenti mill-causa obligationis. Il-posizzjoni dwar il-kambjala hija dik kif kummentata mill-Professur Felice Cremona. (ara n-noti tieghu p. 477) li jsegwi d-duttrina legali bhal dik insenjata mill-Vivante. Hu jghid li: “The moment a person signs the Bill of Exchange, whether as drawee, endorser or giver of an aval, or otherwise, the obligation arising from that signature is considered complete in itself. It acquires a juridical existence which is considered separate, distinct and independent from the original and fundamental contract entered into between the parties concerned. The law identifies the obligation created or evidenced by the Bill with the signature placed thereon” (Peter Azzopardi nomine vs. Raymond Camilleri deciza minn din il-Qorti fit-2 ta’ Awissu, 1994).

“L-azzjoni kambjarja hi allura azzjoni awtonoma u dak li ghandu jigi rigwardat f’azzjoni simili – salv naturalment il-kazi kongruwi fejn xi eccezzjonijiet ta’ indoli reali tkun tirrikjedi li jsir mod iehor – huwa bhala regola r-relazzjoni bejn it-traent u t-trattarju kif emergenti mill-wicc il-kambjali stess” (Aldo Vella noe vs. Vincent Lofaro pro et noe; deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-8 ta’ Marzu, 1977).

“Skond il-ligi l-kambjalijiet jistghu jkunu trasferiti permezz tal-girata u din taghmel proprjetarju lill-possessur tal-kambjali u min jippossjediha

legittimament jista' fl-iskadenza jitlob il-pagament taghha. (Vol. XXIX, P.I, p.1366).

Hu stabblit li l-uniku mezz biex tigi trasmessa l-proprjeta' tal-kambjala hija l-girata "la legge non riconosce che la girata come mezzo di trasferimento della proprieta' di una cambiale per parte del possessore" (Vol. II, p.313).

Kif jghid il-kompjant Professur J. Micallef fil-ktieb tieghu "Laws on Bills of Exchange, Notes and Cheques" pagna 126 "Bills of Exchange are by their very nature and essence transferable by endorsement. This constitutes their most note-worthy characteristic. Although the law only mentions endorsement as a means of transferring or negotiating a Bill of Echange, it is pointed out that a Bill may be transferred by other means as provided by the Civil Code, such as, for example, by succession, by donation or by assignment. All these modes are however exceptional, as it is only the transfer by endorsement which creates in favour of the transferee or endorsee an autonomous right. In no other case than in an endorsement would the transferee acquire better title than that held by the transferor". Dan propju ghaliex f'dan il-kaz ma jkunux opponibbli ghall-persuna li lilha tkun giet iggfirata l-kambjala eccezzjonijiet personali ghat-traent.

Minn dan kollu temergi l-ezigenza vitali ghall-accettant tal-kambjali li una volta jhallas l-import taghhom, tkun xi tkun ir-raguni, hu jezigi li l-konsenja materjali lura tal-kambjalajiet. Kien assolutament fl-interess tieghu li jaghmel hekk ghax fin-nuqqas il-pussess tal-kambjali wahdu, multo magis jekk dawn ikunu f'idejn persuna li lilha jkunu gew girati, jibqa' jassoggettah ghall-azzjoni kambjarja ghall-hlas ta' l-import taghhom. Il-fatti partikolari ta' din il-kawza, anke jekk jigi accettat li kienu proprju kif jallega l-appellant, u eskluza l-prova ta' l-involviment tal-Bank f'xi forma ta' akkordju gdid indipendenti mill-istess kambjalijiet imma li, skond l-appellant, jestingwi l-valur taghhom bhala titolu ghall-portatur, ifissru biss, fl-ahjar ipotesi ghall-appellant, akkordju bejn il-konvenut u s-socjeta' kjamata fil-kawza biex din tigi agevolata fl-ghoti ta' facilitajiet bankarji. Akkordju dan li pero', kien ghall-bank attur "res inter alios acta".

F'din is-sitwazzjoni allura din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellat nomine li la darba l-Bank appellat ma rrilaxxjax il-kambjali, din kienet prova cara li l-arrangament allegat qatt ma kien gie konkjuz. "U jekk stess kienet l-intenzjoni ta' l-appellant u tad-Diretturi tal-Eurowear li l-affarijiet jimxu b'dan il-mod, certament din baqghet semplici intenzjoni jew xewqa taghhom, imma din ix-xewqa qatt ma giet moghtija l-forma ta' xi ftehim vinkolanti fuq l-appellat. Kien x'kien li kellu f'mohhu l-appellant, hu qatt ma messu irrilaxxja flus f'idejn il-

Eurowear minghajr ma insista li kontestwalment jinghata lura l-kambjalijiet".

Din il-Qorti allura ma tistax ma taqblix mal-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti u mal-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Jidhrilha biss li ghandu jsir kambjament fid-decizjoni fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez. Dan ghaliex una volta s-socjeta' kjamata fil-kawza kienet ammettiet illi xejn ma kien dovut lilha mill-konvenut, ma kienx sewwa li l-ispejjez taghha f'din il-kawza, jekk okkoriethom, jigu addebitati lill-konvenut. Is-sentenza appellata qeghda tigi limitatament ghal dan riformata.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fil-mertu. Il-kap ta' l-ispejjez qed jigi riformat fis-sens li l-ispejjez kollha tal-kawza kellhom ikunu a kariku tal-konvenut, hlief ghal dawk tas-socjeta' kjamata fil-kawza li kellha tissapportihom hi stess. F'dan is-sens is-sentenza appellata qed tigi riformata.

Dep/Reg

mm